MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2014

Numru. 1431/2011

**Il-Pulizija**

**Spettur Jurgen Vella**

**vs**

**Tony (Anthony Abela)**

**James sive Jimmy Abela**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta':

Tony (Anthony) Abela iben John u Anne xebba Zammit imwieled Haz-Zebbug nhar is-7 ta' Jannar 1971, residenti gewwa 15 ,Triq San Pietru Hal-Qormi u detentur tal-kata tal-identita 109171M.

Kif ukoll lil James sive Jimmy Abela iben John u Anne xebba Zammit imwieled l-Awstralja fis-19 ta' Settembru 1974, residenti gewwa 15, Triq San Pietru Hal Qormi u detentur tal-karta tal-identita' 260992M.

Fkimkien akkuzati talli:

Nhar it-28 t'Ottubru 2007 ghal habta tas-saghtejn u kwart ta' wara nofsinhar (14:15) u fi zminijiet qabel gewwa qasam industrijali ta'  Hal Luqa u f'dawn il-gzejjer, ikkomettejtu serq ta' petrol u diesel liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Mario De Giovanni minn Wied il-Ghajn u /jew persuni ohra.

U aktar talli xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahhlu biex inbieghhom jew imexxuhom.

B’hekk saru recidivi b’diversi sentenzi tal-Qorti liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux  jigu mibdula jew imhassra u dan ai termini 49,50 u 289 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Lil James sive Jimmy Abela wahdu akkuzat talli fll-istess zmien u cirkostanzi, wettaq reat waqt  il-perjodu operrativ ta’ sentenza sospiza moghtija lilu mill-Magistrat Dr. J. Padovani LLD nhar it-18 t’Ottubru 2006.

Lill Tony (Anthony) Abela wahdu akkuzat talli fl-istess zmien u cirkostanzi wettaq reat waqt il-perjodu operattiv ta’ liberta kkundizzjonata moghtija mill-qorti mil-magistrat, llum imhallef Dr. L. Quintano LLD ai termini ta’ Kap 446.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 28 ta’ Dicembru, 2011 (esebit *a folio* 29 tal-Process) fil-konfront ta’ Tony (Anthony) Abela sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-27 t’ April, 2012 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 26 ta’ Dicembru, 2011 (esebit *a folio* 30 tal-Process) fil-

konfront ta' Jimmy Abela u dak datat 28 ta' Dicembru 2011 fil-konfronti ta' Tony (Anthony) Abela sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarilhom fis-seduta tas-27 t' April, 2012 l-imputati ddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet il-provi.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dan il-kaz jirrigwardaw serq ta' diesel minn vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAM 073 ta' kulur blu u tal-marka Lada li allegatament sehh fit-28 ta' Ottubru 2007 ghall-habta tas-2.15pm waqt li l-vettura msemmija kienet parkeggjata quddiem garaxx ta' mechanic ghat-tiswija fil-Qasam Industrijali ta' Hal-Luqa. Sid il-vettura Mario Degiovanni li xehed f' dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-27 ta' April 2012 spjega li fil-gurnata u hin in dizamina huwa kien mar igib il-camera li kien ftakar li halla fil-vettura tieghu li kienet ghat-tiswija ghand il-mechanic. Il-gurnata kienet il-Hadd u meta wasal fuq il-post ra vettura b' persuna fiha vicin hafna l-vettura tieghu. Huwa ssuspetta li kien qed isir serq minn din il-vettura u huwa cempel lil-Pulizija li marru immedjatament fuq il-post, fejn

sabu liz-zewg imputati fil-vicin bil-vettura taghhom bin-numru tar-registrazzjoni JAX 078 tal-marka Lada parkeggjata hdejn il-vettura li allegatament kien qed isir serq minnha. Meta saret tfittxija f' din l-ahhar vettura instabu sitt jerry cans li tlieta minnhom kienu milmlijin b' likwidu li l-Pulizija mir-riha stabbilew li kien diesel, zewg plastic pipes u tlett tappijiet tat-tank tad-diesel ta' vetturi[1]. Il-Pulizija li accedew fuq il-post spjegaw li il-vettura ta' Degiovanni kellha t-tapp tat-tank tad-diesel nieqes u fil-bagoll tal-vettura tal-imputati nstab tapp ta' tank tad-diesel li kien jaqbel ma' dak tal-vettura ta' Degiovanni[2]. Iz-zewg imputati gew arrestati u rrilaxxjaw l-iStqarrijiet inseriti a fol. 22 et sequitur tal-atti processwali.

Iz-zewg imputati xehdu f' dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-7 ta' Novembru 2012. L-imputat James sive Jimmy Abela qal li fid-data in dizamina kien cempillu huh sabiex jghaddi ghalih bil-vettura tieghu (ta' Tony Abela) Hal-Far u wara li gabru kienu sejrin id-dar huh Anthony qallu sabiex iwaqfu ghaliex kellu bzonn jghaddi l-urina u huwa ghamel hekk. U malli dan nizel mill-vettura huwa wkoll qabduh bzonnijiet naturali u ghalhekk nizel mill-vettura sabiex jaghmel l-istess haga bhal huh. U x' hin lestew u kienu qed ipejpu sigarett fuq il-bankina gew il-Pulizija fuq il-post u ghamlu tfittxija fil-vettura taghhom u mbaghad arrestawhom. Iz-zewg imputati cahdu li kienu qed jisirqu d-diesel mill-vettura l-ohra u Anthony Abela qal li kellu l-jerry cans bid-diesel fil-bagoll ghaliex kellu l-gauge ma jahdimx u kien jitfa' d-diesel manwalment. Dwar it-tappijiet tat-tankijiet tad-diesel ta' vetturi li nstabu fil-bagoll tal-

[1] Vide xhieda ta' PS1176 Kurt Zahra a fol. 46 sa 48 tal-atti processwali, ix-xhieda ta PC729 Kevin Decelis a fol. 71 u 72 tal-atti processwali u x-xhieda ta' PS679 Salvu Camilleri a fol. a fol. 74 sa 77 tal-atti processwali u r-ritratti esebiti a fol. 52 tal-atti processwali.
[2] Vide xhieda ta PS 337 Mark Mercieca a fol. 59 sa 62 tal-atti processwali.

vettura tieghu l-imputat Anthony Abela qal li huwa kien izommhom bhala spare parts.

Ikkunsidrat:

Illi wara li fliet bir-reqqa kollha dovuta l-provi kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni f’ dan il-kaz il-Qorti setghet tinnota li la gie pruvat sal-grad rikjest mil-ligi li l-fuel li nstab fil-vettura ta’ Tony Abela kien gie misruq mill-vettura ta’ l-allegat derubat Mario Degiovanni, la gie pruvat li t-tapp tat-tank tad-diesel tal-vettura Lada li nstab fil-vettura tal-imputat Abela kien dak tal-vettura tal-allegat derubat u lanqas gie pruvat li l-allegat derubat effettivament ra liz-zewg imputati jisirqu xi haga mill-vettura tieghu. Kif ben tajjeb irrilevat id-Difiza fil-kors tal-investigazzjonijiet ma saritx analizi tal-fuel li nstab fil-jerry cans li kienu fil-vettura ta’ Abela sabiex jigi determinat li dan kien diesel. Inoltre l-Qorti setghet tinnota li meta xehed Mario Degiovanni huwa ndika li kien ra persuna wahda biss u ma spjegax ghaliex gieh is-suspett li kienu qed jisirqulu mill-vettura. Huwa inoltre ma identifika lill-ebda wiehed mill-imputati bhala l-persuna li kien ra fuq il-post. Il-Pulizija li marru fuq il-post waslu ghall-konkluzjoni li l-likwidu fil-jerry cans kien diesel mir-riha izda l-Qorti jidrilha li dan m’ huwiex il-mod kif jingabu l-provi f’ procediment kriminali. Il-Qorti setghet ukoll tinnota li l-vettura tal-imputat Abela ukoll kienet tal-marka Lada u ghalhekk it-tapp tal-fuel tank li l-Pulizija sabu fil-vettura tieghu u li qalu li kien jaqbel mal-vettura l-ohra li allegatament insteraq id-diesel minnha kien jaqbel ukoll mal-fuel tank tal-vettura tal-imputat. Il-Qorti tirrileva ulterjorment li Mario Degiovanni fl-ebda stadju ma indika li t-tapp tal-fuel tank li nstab fil-vettura tal-imputat kien dak tal-vettura tieghu. Fic-

cirkostanzi l-Prosekuzzjoni ma tistax titqies li rnexxielha tipprova sal-grad ta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li z-zewg imputati serqu xi diesel mill-vettura ta' Mario Degiovanni fid-data lok u hin indikati fic-charge sheet.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputati mhux hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti taghhom u konsegwentement tilliberahom mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------